**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 71**

16 ta' Novembru 2023

Il-wieħed u sebgħin (71) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

71.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

71.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

71.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

71.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sebgħin (70) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

71.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, AD, VB, SSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

71.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 70.2.3.3 u staqsa jekk kienx hemm emendi għal kundizzjonijiet proposti. Is-SE wieġeb li ma kien irċieva xejn u għalhekk il-kundizzjonijiet jistgħu jitqiesu finali.

71.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 70.2.5 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos u jekk kienx hemm risposta mill-Ministeru tal-Artijiet.

71.2.4.1. Is-SE qal li kien informat li kienu qed jittieħdu ritratti minn angoli differenti sabiex il-Ministeru jkollu rekord ta' f'liema stat huma l-Fosos preżentement.

71.2.4.2. Il-Kunsillier JAE talab li tkompli ssir insistenza għal laqgħa uffiċjali bħala Kunsill. Huwa qal li kien hemm bżonn li l-Kunsill jiltaqa' mal-Ministeru sabiex jiddiskuti triq 'il quddiem għall-Fosos, għal min hu responsabbli għal ċertu aġir, u għall-ġurisdizzjoni sabiex ikun hemm ħarsien mil-bidu nett. Huwa qal li hu jixtieq li ma jkunx hemm bżonn ta' tiswija mil-bidu.

71.2.4.3. Is-Sindku qal li l-mistoqsija tal-ġurisdizzjoni kienet diġà ġiet imressqa però qatt ma kienet ċara. Huwa kompla billi qal li huwa inutli li l-Kunsill jerġa' jiltaqa' mal-Ministru jekk il-Kunsill ser jerġa' jingħata l-istess risposta.

71.2.4.4. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jinsisti mhux għar-risposta li kellu iżda għal risposta differenti li tagħti ġurisdizzjoni. Huwa qal li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti għal dan.

71.2.4.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li diġà huwa pass tajjeb li l-Kunsill issa għandu linji gwida għall-attivitajiet li ser jiġu organizzati fuq il-Fosos.

71.2.4.6. Is-SE qal li l-problema hija li l-Kunsill irid jieħu ħsieb jissorvelja hu li l-kundizzjonijiet qed jiġu segwiti.

71.2.4.7. Il-Kunsillier JAE qal li huwa importanti li jkun hemm polza tal-assigurazzjoni f'każ li jkun hemm xi danni biex b'hekk ikun hemm rabta għal min qed jorganizza. Is-SE qal li sfortunatament il-liġi tippermetti biss li l-Kunsill jitlob massimu ta' €232.94 bħala garanzija, minkejja li entitajiet oħra jitolbu l-eluf.

71.2.4.8. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-Kunsill jobbliga lill-MTA sabiex iżżomm persentaġġ mil-bilanċ dovut lill-organizzatur bħala garanzija. Is-SE qal li fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-MTA, dawn kienu iddeċidew li ma jerġgħux iġeddu l-kontribuzzjoni li kienu qed jagħtu lill-Kunsill f'dawn l-aħħar snin.

71.2.4.9. Il-Kunsillier JAE qal li jekk il-Kunsill se jitlob polza tal-assigurazzjoni u ssir ħsara, allura jista' jsewwi minn dawk il-flus biss hu staqsa jekk il-Kunsill għandux il-ġurisdizzjoni li jagħmel dan. Huwa kompla billi semma li jekk m'hemm ħadd li għandu r-responsabbiltà tal-art tal-Fosos, il-Kunsill jibqa' fil-limbu: ma jafx fejn hu, irid isewwi iżda m'għandux setgħa.

71.2.4.10. Il-Kunsillier JAE qal li għalkemm saru l-kundizzjonijiet, l-awtorità tal-Kunsill tibqa' xortawaħda restritta u jekk l-affarijiet jibqgħu hekk, jibqa' jkun hemm lok għall-abbuż. Huwa insista li hu jrid li ma jkunx hemm ħsara u li jkun hemm pro attività u mhux il-kuntrarju.

71.2.4.11. Is-Sindku qal li kien għalhekk li l-Kunsill ser jinforma lill-Pulizija sabiex ikunu mgħarrfa bil-kundizzjonijiet li ser jinħarġu mil-Kunsill.

<u>**Nota: 17:15 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**</u>
<u>**17:18 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**</u>

71.2.4.12. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu bżonn punt ta' kuntatt.

<u>**17:19 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**</u>
<u>**17:20 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**</u>

71.2.4.13. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos u qabel li għandhom ikunu l-fanali ornamentali oriġinali li jitwaħħlu fuq il-post u mhux ir-repliki. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jistaqsi jekk jistgħux jitpoġġew fil-kantunieri tal-Fosos minflok fin-nofs biex jiġi evitat li jkun hemm bżonn jinqalgħu.

71.2.3.4.1 Il-Kunsillier JAE qal li qabel ma l-Kunsill ikun f’pożizzjoni li jieħu dawn id-deċiżjonijiet, irid jagħlaq il-kapitlu ta’ min għandu s-setgħa.

71.2.4.14. Il-Viċi Sindku AD għamel riferenza għall-garanzija bankarja li l-Kunsill jista’ jitlob u ppropona li l-Kunsill jistaqsi għalfejn entitajiet oħra jistgħu jitolbu somom kbar filwaqt li l-Kunsill ma jistax jitlob iktar minn €232.94.

71.2.3.4.1 Il-Kunsilliera SSH reġgħet ppproponiet li l-Kunsill ikellem lill-MTA. Is-SE qal li sfortunatament, ladarba l-liġi tistipula dak l-ammont, ma setax jintalab iktar minn hekk.

71.2.3.4.2 Is-SE qal li kien bagħat ukoll lill-MTA sabiex tinżamm laqgħa fir-rigward tal-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

71.2.4.15. Il-Kunsillier JAE qal li jeħtieġ li din il-kwistjoni tal-Fosos tissolva qabel is-Sajf li ġej sabiex il-Kunsill ma jerġax jiffaċċja l-istess problemi.

71.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 70.2.6 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f’Balzunetta. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma jistax jipproċedi qabel ma jkollu risposta mingħand Transport Malta.

71.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 70.2.7 rigward il-kamera ta’ wara ta’ Bieb il-Bombi u staqsa jekk il-Kunsill irċevix risposta dwar min seta’ neħħa din il-kamera. Is-SE nforma li kien ġie kkuntattjat minn xi ħadd minn Transport Malta li nformah li ma kellux informazzjoni li kien hemm xi kamera u tneħħiet, jew li din kienet tneħħiet minnhom. Il-Kunsillier JAE qal li għandu jibgħat ir-ritratti li għandu ta’ din il-kamera.

71.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 70.2.8 rigward it-tabelli ta’ Triq Nazzjonali u Triq Sant’Anna. Is-SE qal li kien hemm konferma li Transport Malta approvawhom lill-Infrastructure Malta jiġifieri issa jonqos li wieħed jistenna li dawn jitwaħħlu minn Infrastructure Malta.

71.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 70.3.8 rigward il-laqgħa mal-ERA. Is-SE nforma li l-ERA kienu nformaw li għandhom jikkuntattjaw lill-Kunsill biex tinżamm laqgħa bejn iż-żewġ entitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jinsisti li jkun hemm żamma sodisfaċenti jew alternattiva oħra.

71.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 70.4.3 u qal li hemm bżonn jiżdied xi dawl bejn il-Phoenicia Hotel u l-Grand Hotel Excelsior minħabba li hemm nuqqas kbir ta’ dawl. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmur fuq il-post sabiex jiddeċiedi x’jista’ jsir.

## 71.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

71.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-programm tan-Norway Grants fejn offrew opportunità li l-Kunsill jitlob xi modifiki jew fondi addizzjonali. Is-SE spjega li peress li l-applikazzjoni oriġinali kienet saret ammont ta' snin ilu, kien hemm żieda kbira fil-prezzijiet u għalhekk kien hemm diskrepanzi bejn dak li ġie stmat u dak li l-Kunsill ser joħroġ. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bit-talba għal fondi addizzjonali kif ukoll il-modifiki neċessarji.

71.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Port Medical Health fejn talbu l-Kunsill jirrikunsidra d-deċiżjoni tiegħu li ma jingħatawx spazji ta' parkeġġ riservati. Il-Kunsill reġa' iddiskuta din il-materja u għal darboħra reġa' ma qabilx li jiżdiedu spazji ta' parkeġġ riservati.

71.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca, Floriana li rringrazzjaw lill-Kunsill tal-bollards li pprovda għas-sigurtà tat-tfal.

71.3.3.1. Huma talbu lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li ssir protezzjoni biex tiġi protetta l-faċċata tal-iskola. Il-Kunsill approva li jsiru bollards quddiem l-entratura.

71.3.3.2. Tressqet ukoll talba oħra sabiex tittieħed azzjoni dwar il-ħmieġ tal-klieb li qed jitħalla quddiem l-iskola. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb iwaħħal żewġ tabelli mal-ħajt tal-iskola.

71.3.4. Is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet għat-tiżjin tal-Milied u d-dawl mal-palm fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni li tammonta għal €4956.

71.3.5. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni biex jinbidlu l-airconditioning units tas-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni.

71.3.6. Is-Sindku ressaq talba biex jerġgħu isiru l-isleeping policemen li kien hemm ħdejn il-Police Headquarters kif ukoll fi Triq il-Mall. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur sabiex jara li dawn jerġgħu isiru.

71.3.7. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni li tammonta għal €1500 għaż-żamma tal-ġonna u s-soft areas sakemm tiġi evalwata u approvata s-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill approva.

71.3.7.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-kuntratt il-ġdid jagħtix lok għal żieda ta' soft areas fil-futur f'każ li jkun hemm bżonn. Is-SE ikkonferma li din hija possibbli bil-kuntratt il-ġdid.

71.3.7.2. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba mingħand l-Arċipriet sabiex isiru xi planters fuq iz-zuntier. Il-Kunsill qabel li jipprovdi l-planters bil-kundizzjoni li t-tisqija ssir mil-Knisja ladarba jkunu fuq proprjetà tagħha.

## 71.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

71.4.1. Il-Kunsillier JAE ressaq xi ilmenti li hemm xi bejta tal-bagħal taż-żunżan faċċata taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista' jsir.

71.4.2. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għax-xogħol li sar taħt il-Loġoġ fi Triq Sant'Anna u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li minkejja li l-madum kien sar, il-grouting sfortunatament għadu ma sarx kif suppost.

71.4.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi aġġornamenti rigward il-funtana tal-iljun. Is-Sindku qal li kien sar progress u li x-xogħol għandu jibda' dalwaqt.

71.4.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għad-dawl tan-niċċa tat-Telgħa tal-Kurċifiss u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE nforma li kien hemm kwistjoni bil-meter iżda l-Kunsill kien qed jikkomunika mal-ARMS minħabba li l-meter kien mitfi. Is-SE żied jgħid ukoll li kien qed jikkonsulta mal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jesplora l-possibbiltà li d-dawl jitħaddem permezz ta' pannella solari.

71.4.5. Il-Kunsillier JAE ressaq ilment rigward scooters fi Ġnien il-Mall. Huwa qal li hu kien informa lill-Pulizija wkoll bl-ilment. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Ambjent Malta sabiex jagħmel it-tabelli neċessarji li scooters mhumiex permessi kemm fi Ġnien il-Mall kif ukoll fi Ġnien l-Argotti.

71.4.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-arbuxell ta' ħdejn il-car park tal-Floriana FC u qal li hemm bżonn li jkun hemm żamma tiegħu. Is-SE qal li dan kien inkluż fil-lista tas-soft areas fil-kuntratt il-ġdid.

71.4.6.1. Is-SE żied jgħid li kien ġie kkuntattjat mill-Ministeru għat-Turiżmu li offra li jagħmlu xi pjanti huma bil-kundizzjoni li jissaqqew mil-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

71.4.7. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li tiġi installata kamera ħdejn il-Klabb tal-Boċċi fi Triq Vincenzo Dimech. Il-Kunsill qabel li din iż-żona tiġi kkunsidrata.

71.4.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk hux possibbli li jerġa' jsir fanal ornamentali ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini. Is-SE qal li kien bagħat korrispondenza minħabba li dan kien tkisser f'xi inċident iżda sa dakinhar kien għadu ma sarx minkejja li l-Enemalta kienu nformaw li kienu ser jibgħatu l-inġiniera biex jaraw x'jista' jsir. Il-Kunsill qabel li f'każ li jibqa' ma jsirx allura l-Kunsill għandu jitlob lill-Pulizija sabiex titlob lil min ikkawża l-inċident biex iħallas għad-danni ħalli dan ikun jista' jerġa' jsir.

71.4.9. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba mingħand il-Guesthouse Tritoni sabiex jiġu rilokati ż-żewġ tabelli li hemm quddiem il-bieb. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista' jsir.

71.4.10. Il-Kunsilliera SSH xtaqet li tirringrazzja lill-Ministru Clayton Bartolo u lill-Ministru Owen Bonnici tal-bankina li saret ħdejn il-BOV u permezz t'hekk tneħħa l-periklu. Hija qalet li kienu ġew irranġati wkoll dawk il-kongi ta' ħdejn il-Knisja u ta' ħdejn il-Knisja ta' Sarria.

71.4.10.1. Il-Kunsillier JAE qal li filwaqt li hu kuntent li din saret, huwa jħoss li l-bankina setgħet saret b'pavimentar aħjar bħalma sar faċċata.

71.4.10.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li b'dawn il-kummenti tkun qed tingħata l-impressjoni li qisu qatt ma sar xejn fil-lokalità. Il-Kunsillier JAE qal li l-impressjoni ma kienux qed ituha l-kunsillieri iżda qed jiffurmawha r-residenti waħedhom.

71.4.10.3. Il-Kunsillier JAE qal li hemm bżonn li meta l-kunsillieri jiltaqgħu mal-ministri ikunu involuti l-kunsillieri kollha sabiex tingħata opportunità lil kulħadd. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi tiltaqa' mal-ministri f'attivitajiet soċjali u mhux għax tkun talbet xi laqgħat magħhom.

## 71.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

71.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 71.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

71.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 54/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

71.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 71.7 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT TA' ŻONA PEDONALI – TRIQ MAURO CARUANA

71.7.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-ġimgħa ta' qabel kienet inżammet laqgħa mar-residenti fejn ġie diskuss dan il-proġett. Huwa kompla billi qal li r-residenti kienu oġġezzjonaw li jsiru bankijiet u planters bil-fjuri minħabba li jħossu li t-triq kienet ser tidjieq.

71.7.2. Is-Sindku qal li mil-kalkoli u l-pjanti li għamlu l-periti, l-ambulanza kienet tgħaddi xortawaħda mingħajr problemi. Is-SE żied jgħid li anke hu kien ikkonferma dan mal-Perit prinċipali tal-kumpanija.

71.7.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk dawn il-kalkoli jinkludux ukoll fire engines. Is-SE qal li llum hawn fire engines żgħar li jintużaw apposta f'toroq dojoq u dawk kienu jgħaddu mit-triq.

71.7.4. Is-SE spjega li l-Perit kien issuġġerixxa li l-planters jidjiequ u jirkbu ftit fuq il-kurduna tal-bankina. Huwa kompla billi qal li l-pavimentar se jiġi baxx iktar mil-bankina 50 ċentimetru biss u għalhekk f'każ li jkun hemm bżonn ta' użu ta' vetturi ta' emerġenza, il-vetturi jistgħu jirkbu ftit 'il bankina wkoll.

71.7.5. Is-SE qal li kienu ser jinbidlu wkoll l-ispralli kollha biex ikunu uniformi u se jsiru b'tali mod li jinfetħu. Huwa żied jgħid li l-bollards kienu ser ikunu folding biex jiġi evitat li dawn jinsterqu. Is-SE qal li r-residenti kollha kienu ser jingħataw aċċess għall-bollards.

71.7.6. Il-Kunsillier JAE propona li jsiru bins għall-iskart. Il-Kunsill qabel li dawn jitwaħħlu ħdejn il-bankijiet.

71.7.7. Wara li kompla jiddiskuti il-Kunsill qabel li l-bankijiet li jsiru ma jkunux kbar ħalli ma jkunux attirati gruppi, kif ukoll li jitwaħħlu tabelli li din kienet żona residenzjali u għalhekk m'għandux isir storbju.

## 71.8 Proposta tal-immaniġjar tat-traffiku tat-toroq Suq, Miratur, San Tumas, u ż-żona

71.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq il-pjan li kien ipprepara l-Viċi Sindku AD.

71.8.2. Il-Kunsill iddiskuta l-proposti u xi alternattivi. Huwa approva l-pjanta bl-eċċezzjoni tal-proposta ta' min hu ġej mit-Telgħa tal-Kurċifiss fejn il-Kunsill iħoss li din għandha tibqa' kif inhi iżda minflok jiżdiedu iktar sinjali u li tiżdied give way. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinbidel id-direzzjoni ta' Triq Antonio Agius.

71.8.3. Il-Kunsill qabel li l-proposta għandha tgħaddi għand Transport Malta.

## 71.9 Ħarġa għal Għawdex għall-anzjani f'Diċembru

71.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi talab lill-Kunsilliera SSH tagħti iktar dettalji.

71.9.2. Il-Kunsilliera SSH spjegat li l-ħarġa għal Għawdex ser tkun nhar it-13 ta' Diċembru 2023 fejn kienu ser imorru jaraw il-presepju ħaj.

71.9.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb it-trasport biex tiġi organizzata din il-ħarġa.

71.9.4. Il-Kunsilliera SSH talbet li jittella' poster ta' din il-ħarġa fuq il-medja soċjali tal-Kunsill.

## 71.10 Dwal tal-Milied, Ikla tal-Milied u Attivitajiet tal-Milied

71.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li d-dawl tal-Milied kien diġà ġie diskuss preċedentement matul il-laqgħa.

71.10.2. Fir-rigward tal-ikla tal-Milied, il-Kunsill qabel li din għandha tinżamm nhar il-5 ta' Diċembru 2023.

71.10.3. Is-SE għamel riferenza għall-attivitajiet tal-Milied u ta rendikont ta' x'kien il-pjan għall-dawn il-festi. Huwa qal li kellu proposta mingħand tar-Railway Foundation u ppropona li l-ħarġa għall-anzjani tkun tinkludi viżta lill-istazzjon li nfetaħ f'Birkirkara. Il-Kunsill qabel.

71.10.4. Il-Kunsill iddiskuta wkoll meta ser iddoqq il-banda u qabel li ddoqq nhar it-12 ta' Diċembru mis-7pm l'hemm. F'każ li t-temp ma jippermettix, allura din għandha tkun posposta għal ġurnata oħra.

71.10.5. Is-SE għamel riferenza għall-attività tat-tfal. Il-kunsill qabel li din għandha tinżamm nhar is-6 ta' Jannar 2024.

## 71.11 Attivitajiet 300 Sena mit-Twelid tal-Floriana

71.11.1. Is-SE ressaq dawn il-proposti li ħarġu mil-laqgħat tal-Kumitat imwaqqaf għall-okkażjoni, bħala parti mill-attivitajiet tat-300 sena mit-twelid tal-Floriana. Il-Kunsill iddiskuta u approva dawn il-proposti:

- Isir logo ta' 300 sena permezz ta' sejħa pubblika għall-Furjaniżi li jixtiequ jippreżentaw logo
- Tittella' konferenza stampa flimkien mas-Segretarju Parlamentari biex jiġi mħabbar il-programm ta' attivitajiet
- Il-Ħadd 21 ta' Jannar quddiesa organizzata mill-Banda Vilhena fil-Knisja Parrokkjali
- Il-Ħadd 14 jew 28 ta' Jannar issir Purċissjoni bl-istatwa żgħira ta' San Publu mill-Assoċjazjoni Publju ta' Malta bejn l-Imdina u r-Rabat
- Fi Frar serata mużiko-letterarja li tinkludi taħdita mill-Prof Ray Mangion u silta minn Ħodon Fjuri lil San Publju, Is-Sindku għandu jikkomunika mal-Prof Mangion biex jikkonferma ddata tat-23 ta' Frar.
- Fil-15 ta' Marzu ser issir tnedija tal-ktieb dwar il-Furjana mill-Gazzetta il-Furjana fir-refettorju tal-Kurja
- F'Marzu wkoll tittella' attività mill-grupp Esprimi fis-sala tal-Kunsill
- Is-Sibt 6 ta' April marċ1 konġunt mill-banda Vilhena u l-King's Own li ttejn li huma qed jiċċelebraw il-150 Anniversarju
- It-Tlieta 9 ta' April kunċert 'Mixja mal-knejjes fil-Floriana' mill-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta
- Il-Ħamis 9 ta' Mejju – Jum it-Twelid tal-Floriana – proposta ta' Gun Salute mill-Forzi Armati u quddiesa ta' ringrazzjament, marċ u tqegħid ta' kuruni quddiem il-monument ta' Vilhena u Floriani u riċeviment. Il-ħsieb huwa li jkun mistieden il-President ta' Malta imma dan ikun żmien tat-transizjoni tal-Presidenza.
- Matul ix-xahar ta' Mejju jsir pavaljun tad-dawl fi Triq Sant' Anna li jindika li l-lokalità qed tiċċelebra it-300 sena, jinxtegħel Bieb il-Bombi bl-aħdar, isiru bnadar tal-Floriana u l-arma tal-Gran Mastru Vilhena fi Pjazza u Triq Sant' Anna.

- Naħsbu wkoll biex ninvolvu lit-tfal tal-iskola f'attività simili tal-Active Mobility li kellna matul din is-sena.
- Wara din id-data jieqfu l-attivitajiet peress li xahar wara jkun hemm l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Parlament Ewropew.
- Il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju tiġi organizzata Festa Familja Furjaniża li tkun tinkludi xi tip ta' Lejla Maltija b'ikel, xorb, u divertiment u tinkludi rappreżentazzjoni b'4 statwi żgħar ta' qaddisin li għalihom hawn kappelli ddedikati fil-Floriana li tispiċċa ħdejn il-kappella tal-kapuċċini fejn issir l-attività għall-familja.
- Lulju u Awwissu jitħallew liberi mill-attivitajiet minħabba s-sħana u l-impennji tas-sajf.
- Il-Ħadd 22 ta' Settembru kunċert tal-Banda organizzat mill-Banda Vilhena (il-post għadu mhux ikkonfermat)
- Il-Ħadd 13 ta' Ottubru Ġenna ta' Ġonna bil-possibiltà ta' aċċessibiltà għall-pubbliku ta' żewġ ġibjuni li jinsabu taħt l-iskola u ħdejn l-Istitut Kattoliku.
- 2Fix-xahar ta' Novembru maħsub li jsir kunċert mill-Orkestra Nazzjonali li jesegwixxi 'Messa di San Publio' (1918) ta' Mro Carmelo Magri. Diskussjnijiet mal-Orkestra Nazzjonali għadhom għaddejjin.
- F'Diċembru jsiru l-attivitajiet tal-Milied u għeluq tas-Sena Ċentinarja.
- Ma dawn l-attivitajiet ta' kull xahar huwa maħsub li jsiru proġetti oħra li jibqgħu bħala legat fil-lokalità:
- Isir mill-ġdid il-pavaljun mal-gallarija tad-Dar tal-Kunsill
- Isir restawr tan-niċeċ fil-lokalità
- Jinkixfu l-ismijiet antiki tat-toroq tal-lokalità taċ-ċeramika
- Proġett 'Monumenti Mitlufa' u Personalitajiet Furjaniżi' fuq il-Perspex.
- Proġett ta' Ritratti Antiki madwar il-lokalità
- Logħba futbol kommemorattiva u kuntatt mal-MFA biex jindaqq l-innu tal-lokalità fl-aħħar logħba tal-Floriana FC fl-istaġun tal-kampjonat.
- Konferenza dwar il-futur tal-Floriana (data mhux deċiża)
- Xi ħaġa li ma ħarġitx mil-laqgħa tal-kumitat iżda li qed jipproponu s-Segretarju Eżekuttiv u Godwin Azzopardi hija li jitqassam xi Merchandise bħala tifkira lil kull residenza fil-Floriana.

**Nota: 20:12 Il-Viċi Sindku AD talab li jkun skużat.**

71.12 **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

71.12.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:15 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2023**

(iffirmat) (iffirmat)

Vincent Borg
Sindku

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv